Nru./No. 21,037
Prezz/Price
€6.84

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 14 ta' April, 2023
Friday, 14th April, 2023

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 4025 - 4033
Government Notices ..... *4025 - 4033*

Avviżi tal-Pulizija ..... 4033 - 4036
Police Notices ..... *4033 - 4036*

Avviżi lill-Baħħara ..... 4036 - 4040
Notices to Mariners ..... *4036 - 4040*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 4040 - 4141
Employment Opportunities ..... *4040 - 4141*

Avviżi tal-Gvern ..... 4141 - 4153
Notices ..... *4141 - 4153*

Offerti ..... 4153 - 4159
Tenders ..... *4153 - 4159*

Avviżi tal-Qorti ..... 4159 - 4172
Court Notices ..... *4159 - 4172*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 468

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova t-trasferiment tal-Uffiċjal hawn taħt msemmi mill-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta għall-Forza tar-Riżerva Individwali, meta rriżenja, b'seħħ mid-data li tinsab ħdejn ismu.

Il-Kaptan Kirurgu Ciskje Anthony Zarb 2 ta'April, 2023

L-14 ta' April, 2023

Nru. 469

SKEDA Ċ (ART. 22)(3) TAL-ATT
TAL-2013 DWAR IS-SAĦĦA

Kumitat Konsultattiv tal-Benefiċċji tal-Kura tas-Saħħa

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont il-poteri mogħtija minn Skeda C (Art.22)(3) tal-Att tal-2013 dwar is-Saħħa, id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa għamel il-ħatriet li ġejjin fil-Kumitat Konsultattiv tal-Benefiċċji tal-Kura tas-Saħħa, għal perjodu ta' tliet (3) snin.

Chairperson (Ex-officio)
Is-Sur Joseph Chetcuti

Deputat Chairperson (Ex-officio)
Dott. Walter Busuttil

Lead Chairperson (Ex-officio)
Dott. Joe Debono

Membri
Dott. Victoria Sultana
Is-Sa Antonia Formosa
Dott. Paula Cauchi
Is-Sa Rita Micallef

Membri (Ex-officio)
Is-Sur Mark Borg
Is-Sur Sandro Camilleri
L-Inġ. Karl Farrugia

Segretarja
Dott. Dorianne Farrugia

L-14 ta' April, 2023

GOVERNMENT NOTICES

No. 468

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE President of Malta has the pleasure to approve the transfer of the undermentioned Officer from the Regular Force of the Armed Forces of Malta to the Individual Reserve Force, on resignation, with effect from the date as shown against his name.

Surgeon Captain Ciskje Anthony Zarb 2 April, 2023

14th April, 2023

No. 469

SCHEDULE C (ART.22)(3)
OF THE HEALTH ACT 2013

Advisory Committee on Health Care Benefits

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by Schedule C (Art.22)(3) of the Health Act 2013, the Deputy Prime Minister and Minister for Health has made the following appointments on the Advisory Committee on Health Care Benefits, for a period of three (3) years.

Chairperson (Ex-officio)
Mr Joseph Chetcuti

Deputy Chairperson (Ex-officio)
Dr Walter Busuttil

Lead Chairperson (Ex-officio)
Dr Joe Debono

Members
Dr Victoria Sultana
Ms Antonia Formosa
Dr Paula Cauchi
Ms Rita Micallef

Members (Ex-officio)
Mr Mark Borg
Mr Sandro Camilleri
Inġ. Karl Farrugia

Secretary
Dr Dorianne Farrugia

14th April, 2023

Nru. 470

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Bord dwar il-Ħarsien tal-Pjanti

Emenda

NGĦARRFU b'din illi, b'referenza għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1091 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,913 tas-26 ta' Awwissu, 2022, is-Sur Andrew Refalo għandu jissostitwixxi lis-Sa Silvana Civelli bħala Membru tal-Bord dwar il-Ħarsien tal-Pjanti.

Il-11 ta' April, 2023

No. 470

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Plant Protection Board

Amendment

IT is hereby notified that, with reference to Government Notice No. 1091 published in the Government Gazette No. 20,913 of 26th August, 2022, Mr Andrew Refalo is to substitute Ms Silvana Civelli as Member of the Plant Protection Board.

11th April, 2023

Nru. 471

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Bord dwar Prattiki ta' Kummerċ Inġusti (Agrikoltura u Sajd)

Emenda

NGĦARRFU b'din illi, b'referenza għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1094 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,913 tas-26 ta' Awwissu, 2022, Dott. Chris Cilia għandu jissostitwixxi lis-Sur William Wait bħala Chairperson tal-Bord dwar Prattiki ta' Kummerċ Inġusti (Agrikoltura u Sajd). Is-Sur Alexander Craus għandu jissostitwixxi lis-Sur Claude Ebejer bħala Membru tal-istess Bord.

Il-11 ta' April, 2023

No. 471

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Unfair Trading Practices (Agriculture and Fisheries) Board

Amendment

IT is hereby notified that, with reference to Government Notice No. 1094 published in the Government Gazette No. 20,913 of 26th August, 2022, Dr Chris Cilia is to substitute Mr William Wait as Chairperson of the Unfair Trading Practices (Agriculture and Fisheries) Board. Mr Alexander Craus is to substitute Mr Claude Ebejer as Member of the same Board.

11th April, 2023

Nru. 472

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

No. 472

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
14.4.2023	€59.121	€0.740

L-14 ta' April, 2023

Nru. 473

AĠENZIJA GĦAL INFRASTRUTTURA MALTA

Tlestija tal-Formazzjoni tat-Triq u Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu tmintax (18) tal-Avviż Legali 291 tal-2018, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tavża bl-intenzjoni tagħha illi tlesti l-formazzjoni ta':

Triq il-Feniċi, Triq Santu Rokku u Triq il-Kartaġiniżi, il-Mosta (indikata fuq il-pjanta f'paġna 4028).

Kull persuna illi skont il-liġi għandha l-obbligu li tifforma din it-triq (inkluż billi takkwista l-art neċessarja għall-istess formazzjoni) għandha sa ħmistax-il (15) jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż sabiex twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi. Fin-nuqqas, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħaddi sabiex tagħmel l-istess xogħol ta' formazzjoni hi stess skont is-saħħa lilha mogħtija mil-liġi u a spejjeż tal-persuni li huma legalment obbligati jiffurmaw it-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn is-17 ta' April, 2023 u l-31 ta' Ottubru, 2023, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq il-Feniċi, Triq Santu Rokku u Triq il-Kartaġiniżi, il-Mosta. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż u t-tabelli relatati fuq il-post biex ma jsirx parkeġġ, ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Aktar informazzjoni jew għajnuna jistgħu jinkisbu permezz ta' ittra elettronika lil (info.im@infrastructuremalta.com.).

L-14 ta' April, 2023

14th April, 2023

No. 473

AGENCY FOR INFRASTRUCTURE MALTA

Completion of Road Formation and Traffic and Parking Suspension

IN virtue of Article eighteen (18) of Legal Notice 291 of 2018, the Agency for Infrastructure Malta hereby gives official notice of its intention to complete the formation of:

Triq il-Feniċi, Triq Santu Rokku and Triq il-Kartaġiniżi, Mosta (indicated on site plan on page 4028).


Any person who is obliged by law to form said road (including by acquiring land necessary for the same formation) has fifteen (15) days from the date of the publication of this notice within which to comply with his obligations at law. In default, the Agency for Infrastructure Malta shall itself proceed with the formation of this road in accordance with its powers at law and at the expense of those persons whose obligation it is to form the road.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 17th April, 2023 and 31st October, 2023, it will be starting road works in Triq il-Feniċi, Triq Santu Rokku and Triq il-Kartaġiniżi, Mosta. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No Parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

Vehicles found in contravention to the order of this notice and to the related "no parking" signs on site are liable to be towed.

Further assistance or information may be obtained by email to (info.im@infrastructuremalta.com).

14th April, 2023



INFRASTRUCTURE MALTA

CHIEF EXECUTIVE OFFICER:
Ivan Falzon

S:\Traffic Management\2023\Mosta\2023 Mosta.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION
HEAD OF UNIT: N.V.
PROJECT LEADER: -
DRAWN BY: -

DRAWING TITLE: IL-MOSTA
po Triq Santu Rokku - Triq il-Kartaginizi - Triq Il-Fenici - SITE PLAN
(Extents of works aren't binding but Indicative)

DATE:	FILE NO:	DRAWING NO:
April 2023	-	IMD127/23

SHEET SIZE:	SCALE:	REVISION:	PAGE NO:
A4	1:2500	-	10

Nru. 474

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MELLIEĦA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-toroq imsemmija fil-Mellieħa, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 474

NUMBERING OF DOORS AT IL-MELLIEĦA

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned streets at Il-Mellieħa, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*
IL-MELLIEĦA

1. **TRIQ IL-BIEGĦA (IL-MANIKATA)**
2. **TRIQ CHURCHILL**
3. **TRIQ GĦAR U CASA**
4. **TRIQ ĦABB IL-QAMĦ (IL-MANIKATA)**
5. **TREJQET IL-KAMP TA' GĦAJN TUFFIEĦA (IL-MANIKATA)**
6. **TRIQ IX-XAGĦRA L-ĦAMRA (IL-MANIKATA)**

1. TRIQ IL-BIEGĦA (IL-MANIKATA)

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Mejjiesa

Left side entering from Triq il-Mejjiesa

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garaxx	1
Bieb bla numru	3
Garaxx	5
Makakku	7
Garaxx	9
Josilv	11
Sit bla bini	13
Daħla għall-garaxxijiet	15
Bieb bla numru	17
Lexybelle	19
Strawberry Hill Apartments	21
Garaxx	23

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Mejjiesa

Right side entering from Triq il-Mejjiesa

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru	2
Bieb imbarrat	4
Garaxx	6
Garaxx	8
Orion	10
Garaxx	12
Aurora Apts	14
Daħla għall-garaxxijiet	16
Bohol	18
Dielja Apartments	20

2. TRIQ CHURCHILL

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Mitħna l-Qadima

Left side entering from Triq il-Mitħna l-Qadima

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garaxx	1
Garaxx	3
St Andrew	5
Garaxx	7
3, Masandra	9
Garaxx	11

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Mitħna l-Qadima

Right side entering from Triq il-Mitħna l-Qadima

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
10	2
Bieb bla numru	4
Garaxx	6
Garaxx	8
Sweet Dream Home	10
7, Crystal Mansions	12
6	14
Garaxx	16
Arco	18

3. TRIQ GĦAR U CASA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq l-Għajn tal-Mellieħa

Left side entering from Triq l-Għajn tal-Mellieħa

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Matthew's Apartments	1
Garaxx	3
Garaxx	5
Learcat Flats	7
Garaxx	9
Garaxx	11
Garaxx	13
Garaxx	15
Glendean (Flettijiet)	17
Garaxx	19
Josabelle Garage	21
Garaxx	23
Garaxx	25
St Anthony Flats	27
Garaxx	29
Garaxx	31
Panoramic Flats Block A	33
Panoramic Flats Block B	35
Manuel's Car Hire (Garaxx)	37
Mikarm Flats	39
Garaxx	41
Bieb bla numru	43
Garaxx	45
Ta' Marie (Flettijiet)	47
Garaxx	49
Sit bla bini	51
Sit bla bini	53
Sit bla bini	55
Sit bla bini	57
Sit bla bini	59
Sit bla bini	61
Ta' Rosaria (Flettijiet)	63
Garaxx	65
Bieb bla numru	67
Highfields (Flettijiet)	69
Bieb bla numru	71
Daħla għall-garaxxijiet	73

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq l-Għajn tal-Mellieħa

Right side entering from Triq l-Għajn tal-Mellieħa

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garaxx	2
Bieb bla numru	4
Highlander	6
1, Oceanus	8
Valley View (Flettijiet)	10
Frank's Auto Rental	12
Garaxx	14
Garaxx	16
Highpoint Court	18
Daħla għall-garaxxijiet	20
Sit bla bini	22
Sit bla bini	24
Sit bla bini	26
Bieb bla numru	28
St Mary Flats B	30
Bieb bla numru	32
Bieb bla numru	34
St Mary Flats A	36
Bieb bla numru	38
Hillside (Flettijiet)	40
Hillside (Dar)	42
Garaxx	44
Bini qed jinbena	46
Bini qed jinbena	48
Ta' Salvina (Flettijiet)	50
Ta' Salvina (Dar)	52
Garaxx	54
Sit bla bini	56
Sit bla bini	58
Bieb bla numru	60
Bieb bla numru	62
Garaxx	64
Garaxx	66
Marshall App. Block A	68
Garaxx	70
Garaxx	72
Marshall App. Block B	74
Garaxx	76
Bieb bla numru	78
Garaxx	80

4. TRIQ ĦABB IL-QAMĦ (IL-MANIKATA)

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Mejjiesa *Left side entering from Triq il-Mejjiesa*		In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Mejjiesa *Right side entering from Triq il-Mejjiesa*	
Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru	1	Palmyra	2
Garaxx	3	House of Sunyata	4
Peron	5	Garaxx	6
Hill View (Flettijiet)	7	Adonai	8
Karinya	9	Panorama Flats	10
Sit qed jinbena	11	Garaxx	12
Sit qed jinbena	13	Don't Worry	14
Bini qed jinbena	15	Garaxx	16
Casa Dolce (Flettijiet)	17	Chiswick Court	18
Garaxx	19	Haz	20
Garaxx	21	Garaxx	22
Belmont (Flettijiet)	23		
Native	25		
North West (Flettijiet)	27		
Horizon	29		

5. TREJQET IL-KAMP TA' GĦAJN TUFFIEĦA (IL-MANIKATA)

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Biegħa *Left side entering from Triq il-Biegħa*		In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Biegħa *Right side entering from Triq il-Biegħa*	
Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru	1	Garaxx	2
Bieb bla numru	3	Garaxx	4
		Garaxx	6
		Garaxx	8

6. TRIQ IX-XAGĦRA L-ĦAMRA (IL-MANIKATA)

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Ħabb il-Qamħ *Left side entering from Triq Ħabb il-Qamħ*		In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Ħabb il-Qamħ *Right side entering from Triq Ħabb il-Qamħ*	
Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
		Bieb bla numru	2
		Il-Majjistral	4
		Garaxx	6
		Garaxx	8
		The Nook	10
		Bieb bla numru	12
		Bieb bla numru	14
		North Breeze	16

Nru. 475

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FL-IMĠARR

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija fl-Imġarr, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 475

NUMBERING OF DOORS AT L-IMĠARR

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at L-Imġarr, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*

L-IMĠARR

TRIQ SAN FILIPPU

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq ix-Xagħra tal-Knisja

Left side entering from Triq ix-Xagħra tal-Knisja

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Sit bla bini	1
Sit bla bini	3
Sit bla bini	5
Sit bla bini	7
Sit bla bini	9
Sit bla bini	11
Sit bla bini	13
Sit bla bini	15
Sit bla bini	17
Sit bla bini	19
Chez Marman	21
Garaxx	23
St John Flats	25
Sit bla bini	27
Sit bla bini	29
Sit bla bini	31
Garaxx	33
Garaxx	35
24, St Gaetanu	37
Garaxx	39
Ave Maria	41
Maria Goretti	43
Bieb bla numru	45
St Paul House	47
Garaxx	49
Jesus & Mary	51
Andmar	53
Garaxx	55
Villa Salisia	57
Garaxx	59
Tarcisio	61
Garaxx	63
Sit bla bini	65

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq ix-Xagħra tal-Knisja

Right side entering from Triq ix-Xagħra tal-Knisja

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Sit bla bini	2
Sit bla bini	4
41, Humble Home	6
Garaxx	8
Garaxx	10
42, Three Arches (Flettijiet)	12
Garaxx	14
43	16
Bieb bla numru (Flettijiet)	18
44, L-Għorfa	20
Garaxx	22
Garaxx	24
45, Mascot	26
46	28
Garaxx	30
Sit bla bini	32
Sit bla bini	34
Sit bla bini	36
Sit bla bini	38
St Mary House	40
Bieb bla numru	42
October Leaf	44
Blue Sky Apartments	46
Daħla għall-garaxxijiet	48
Garaxx	50
The Galea's	52
Garaxx	54
Ville Neuve	56
Garaxx	58
Maison Noel	60
Garaxx	62
Sit bla bini	64
Sit bla bini	66

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Sit bla bini	67	Bieb bla numru	68
Garaxx	69	Bieb bla numru	70
Esray/CS Kuca (Flettijiet)	71	Garaxx	72
Daħla għall-garaxxijiet	73	Garaxx	74
Spring Haven Flats	75	Sit bla bini	76
Garaxx	77	Sit bla bini	78
Joscar	79	Sit bla bini	80
Daħla għall-garaxxijiet	81	Sit bla bini	82
Bieb bla numru (Flettijiet)	83	Menahem	84
Bieb bla numru	85	Garaxx	86
Bieb bla numru	87	Mei-Ling	88
		Bieb bla numru	90

L-14 ta' April, 2023

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 64

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Tas-Sliema

Nhar il-Ħadd, 16 ta' April, 2023, mis-6.30 a.m. sakemm tispiċċa l-attività, se jkun hemm bżonn clearance ta' tliet (3) parkeġġi fi Triq it-Torri, Tas-Sliema, u quddiem Ġnien Indipendenza.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

14th April, 2023

POLICE NOTICE

No. 64

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Tas-Sliema

On Sunday, 16th April, 2023, from 6.30 a.m. till end of activity, clearance of three (3) parking spaces are being requested in Triq it-Torri, Tas-Sliema, and in front of Ġnien Indipendenza.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

L-14 ta' April, 2023

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 65

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap 65), il-Kummissarju tal-

14th April, 2023

POLICE NOTICE

No. 65

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies

Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

L-Isla

Nhar il-Ħadd, 16 ta' April, 2023, minn nofsinhar sa nofsillejl minn Triq il-Vitorja.

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Il-Furjana

Nhar il-Ħadd, 16 ta' April, 2023, mis-6.00 a.m. sa nofsinhar, minn Triq l-Iljun bejn Triq V. Dimech u Triq il-Konservatorju, Triq il-Konservatorju bejn Triq l-Iljun u Triq il-Mall, Triq l-Imħażen bejn Triq San Tumas u Triq il-Miratur;

Nhar it-Tnejn, 17 ta' April, 2023, mit-3.00 p.m. sal-11.00 p.m., minn Triq San Publju bejn Triq il-Miratur u Triq San Tumas, Triq Mauro Caruana bejn Triq il-Miratur u Triq San Tumas u Triq San Publju bejn Pjazza San Publju u Triq San Tumas;

Nhar il-Ħamis, 20 ta' April, 2023, mit-3.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq il-Miratur bejn Triq San Franġisk u Triq Sant'Anna;

Bejn nhar il-Ġimgħa, 21 ta' April, 2023, mis-6.00 a.m., sa nhar is-Sibt, 22 ta' April, 2023, f'nofsillejl, minn Triq San Publju bejn Pjazza San Publju u Triq l-Assedju il-Kbir;

Nhar il-Ġimgħa, 21 ta' April, 2023, mit-3.00 p.m. sa nofsillejl, minn Pjazza San Publju bejn Triq Sarria u Triq San Publju, Triq il-Miratur bejn Triq San Publju u Triq San Franġisk, Triq San Tumas bejn Triq Sarria u Triq l-Imħażen, Triq l-Imħażen bejn Triq P. P Floriani u Triq San Tumas, Triq Antonio Agius bejn Triq il-Fosos u Triq Tony Zarb, Triq il-Konservatorju bejn Pjazza San Kalċidonju u Triq il-Mall u Triq l-Iljun bejn Triq l-Argotti u Triq V. Dimech;

Nhar is-Sibt, 22 ta' April, 2023, mit-3.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq San Publju bejn Pjazza San Publju u Triq E. S. Tonna, Triq San Tumas bejn Triq Sarria u Triq San Publju,Triq il-Miratur bejn Triq San Publju u Triq San Franġisk u Triq San Publju bejn Triq Sarria u Triq San Tumas;

Nhar il-Ħadd, 23 ta' April, 2023, mis-6.00 a.m. sas-6.00 p.m., minn Triq il-Miratur bejn Triq San Publju u Triq l-Imħażen, Triq l-Imħażen bejn Triq is-Suq u Triq il-Fosos, Triq San Tumas iż-Żgħira kollha,Triq is-Suq bejn Triq Sant'Anna u Triq l-Imħażen, Triq il-Konservatorju bejn Pjazza San Kalċidonju u Triq il-Mall, Triq l-Iljun bejn Triq Oliver Friggieri u Triq l-Argotti, Triq l-Argotti bejn Triq l-Iljun u Triq il-Mall, Triq il-Mall bejn Triq V. Dimech u Triq l-Argotti, Triq San Tumas bejn Triq Sarria u Triq l-Imħażen, Triq il-Fosos

that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Senglea

On Sunday, 16th April, 2023, from noon till midnight through Triq il-Vitorja.

Public transport may be affected.

Floriana

On Sunday, 16th April, 2023, from 6.00 a.m. till noon, through Triq l-Iljun between Triq V. Dimech and Triq il-Konservatorju, Triq il-Konservatorju between Triq l-Iljun and Triq il-Mall, Triq l-Imħażen between Triq San Tumas and Triq il-Miratur;

On Monday, 17th April, 2023, from 3.00 p.m. till 11.00 p.m., through Triq San Publju between Triq il-Miratur and Triq San Tumas, Triq Mauro Caruana between Triq il-Miratur and Triq San Tumas and Triq San Publju between Pjazza San Publju and Triq San Tumas;

On Thursday, 20th April, 2023, from 3.00 p.m. till midnight, through Triq il-Miratur between Triq San Franġisk and Triq Sant'Anna;

From Friday, 21st April, 2023, from 6.00 a.m., till Saturday, 22nd April, 2023, at midnight, through Triq San Publju between Pjazza San Publju and Triq l-Assedju il-Kbir;

On Friday, 21st April, 2023, from 3.00 p.m. till midnight, through Pjazza San Publju between Triq Sarria and Triq San Publju, Triq il-Miratur between Triq San Publju and Triq San Franġisk, Triq San Tumas between Triq Sarria and Triq l-Imħażen, Triq l-Imħażen between Triq P. P Floriani and Triq San Tumas, Triq Antonio Agius between Triq il-Fosos and Triq Tony Zarb, Triq il-Konservatorju between Pjazza San Kalċidonju and Triq il-Mall and Triq l-Iljun between Triq l-Argotti and Triq V. Dimech;

On Saturday, 22nd April, 2023, from 3.00 p.m. till midnight, through Triq San Publju between Pjazza San Publju and Triq E. S. Tonna, Triq San Tumas between Triq Sarria and Triq San Publju,Triq il-Miratur between Triq San Publju and Triq San Franġisk and Triq San Publju between Triq Sarria and Triq San Tumas;

On Sunday, 23rd April, 2023, from 6.00 a.m. till 6.00 p.m., through Triq il-Miratur between Triq San Publju and Triq l-Imħażen, Triq l-Imħażen between Triq is-Suq and Triq il-Fosos, all of Triq San Tumas iż-Żgħira, Triq is-Suq between Triq Sant'Anna and Triq l-Imħażen, Triq il-Konservatorju between Pjazza San Kalċidonju and Triq il-Mall, Triq l-Iljun between Triq Oliver Friggieri and Triq l-Argotti, Triq l-Argotti between Triq l-Iljun and Triq il-Mall, Triq il-Mall between Triq V. Dimech and Triq l-Argotti, Triq San Tumas between

bejn Triq l-Imħażen u Triq A. Agius u Triq A. Agius bejn Triq il-Fosos u Triq San Tumas iż-Żgħira;

Nhar il-Ħadd, 23 ta' April, 2023, mis-2.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq V. Dimech bejn Pjazza San Kalċidonju u Triq il-Mall, Triq il-Konservatorju bejn Pjazza San Kalċidonju u Triq il-Mall, Triq l-Iljun bejn Triq il-Konservatorju u Triq l-Argotti, Triq l-Argotti bejn Triq l-Iljun u Triq il-Mall, Triq San Tumas bejn Triq Sarria u Triq l-Imħażen, Triq il-Miratur bejn Triq l-Imħażen u Triq San Publju u Pjazza San Publju bejn Triq Sarria u Triq San Publju.

It-trasport pubbliku (Valletta Circular Bus) mhux se jkun affettwat.

L-għeluq tat-toroq isir skont il-bżonn.

Ir-Rabat (Għawdex)

Nhar il-Ħadd, 30 ta' April, 2023, mid-9.00 a.m. sas-2.00 p.m., Pjazza tal-Katidral, Telgha tal-Belt, Pjazza Indipendenza u Triq ir-Repubblika.

Trasport pubbliku jista' jkun ukoll affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-14 ta' April, 2023

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 66

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Birkirkara

Nhar il-Ħadd, 16 ta'April, 2023, mid-9.30 a.m. sa nofsinhar, minn Pjazza Sant'Elena, Triq is-Santwarju, Triq San Kostantinu, Triq Ħal Għargħur, Triq il-Vitorja, Triq K. Sammut, Triq il-Laqxija, Triq il-Venerabbli Nazju Falzon u Triq Tumas Fenech.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Iż-Żejtun

Nhar il-Ħadd, 16 ta'April, 2023, mid-8.45 a.m. sal-10.00 a.m., purċissjoni minn ħdejn il-knisja parrokkjali, Misraħ ir-Repubblika, Triq San Girgor, Triq Santu Wistin, Triq id-Duluri, Triq il-Palazzi, Triq Beland, Triq Luqa Briffa, Misraħ Karlu Diacono, Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill u Misraħ Gregorio Bonici.

Triq Sarria and Triq l-Imħażen, Triq il-Fosos between Triq l-Imħażen and Triq A. Agius and Triq A. Agius between Triq il-Fosos and Triq San Tumas iż-Żgħira;

On Sunday, 23rd April, 2023, from 2.00 p.m. till midnight, through Triq V. Dimech between Pjazza San Kalċidonju and Triq il-Mall, Triq il-Konservatorju between Pjazza San Kalċidonju and Triq il-Mall, Triq l-Iljun between Triq il-Konservatorju and Triq l-Argotti, Triq l-Argotti between Triq l-Iljun and Triq il-Mall, Triq San Tumas between Triq Sarria and Triq l-Imħażen, Triq il-Miratur between Triq l-Imħażen and Triq San Publju and Pjazza San Publju between Triq Sarria and Triq San Publju.

Public transport (Valletta Circular Bus) will not be affected.

Closure of streets will be done as required.

Victoria (Gozo)

On Sunday, 30th April, 2023, from 9.00 a.m. till 2.00 p.m., through Pjazza tal-Katidral, Telgha tal-Belt, Pjazza Indipendenza and Triq ir-Repubblika.

Public transport may also be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

14th April, 2023

POLICE NOTICE

No. 66

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Birkirkara

On Sunday, 16th April, 2023, from 9.30 a.m. till noon, through Pjazza Sant'Elena, Triq is-Santwarju, Triq San Kostantinu, Triq Ħal Għargħur, Triq il-Vitorja, Triq K. Sammut, Triq il-Laqxija, Triq il-Venerabbli Nazju Falzon and Triq Tumas Fenech.

Public transport will be affected.

Żejtun

On Sunday, 16th April, 2023, from 8.45 a.m. till 10.00 a.m., procession through near parish church, Misraħ ir-Repubblika, Triq San Girgor, Triq Santu Wistin, Triq id-Duluri, Triq il-Palazzi, Triq Beland, Triq Luqa Briffa, Misraħ Karlu Diacono, Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill and Misraħ Gregorio Bonici.

Trasport pubbliku se jkun ukoll affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-14 ta' April, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 53 of 2023

Malta International Fireworks Festival 2023

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jsir logħob tan-nar fil-Port il-Kbir nhar it-Tnejn, 24 ta' April; il-Ġimgħa, 28 ta' April; u l-Ħadd, 30 ta' April, 2023.

Braken se jkunu rmiġġati u mgħobbija bil-logħob tan-nar fil-Moll tal-Kalkara fil-Bajja tar-Rinella.

Sidien ta' bastimenti rmiġġati fil-Bajja tar-Rinella għandhom ineħħu l-bastimenti tagħhom u ż-żona tibqa' libera mill-Ġimgħa, 21 ta' April, 2023, fil-11.59 p.m., sat-Tnejn l-1 ta' Mejju, 2023, fil-11.59 p.m. Transport Malta ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara kkawżata lill-bastimenti li jitħallew ġewwa l-Bajja tar-Rinella matul id-dati u l-ħinijiet imsemmija.

F'kull jum tal-wiri, mit-8.00 a.m. sal-10.00 a.m., se jitwaħħlu sinkers, li jkunu mmarkati b'bagi mixgħula, għall-pontuni.

Il-pontuni u l-braken jitilqu mill-Bajja tar-Rinella fis-2.00 p.m. biex jintramaw.

Il-pontuni se jkunu rmiġġati tul il-linja S sa T u l-barken se jkunu rmiġġati fil-punti U, V u W, kif muri fuq iċ-chart fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt), u se jitneħħew immedjatament wara li jispiċċa l-logħob tan-nar.

Il-baħħara huma infurmati li parti mill-Port il-Kbir, bejn il-linji immaġinarji A-B, C-D, E-F, G-H u x-xatt ta' bejniethom, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt), se tkun magħluqa għall-bastimenti kollha, ħlief għal bastimenti awtorizzati, kif muri għal kull ġurnata.

Pozizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	35° 53'.590	014° 30'.699
B	35° 53'.458	014° 30'.831
C	35° 53'.417	014° 30'.937
D	35° 53'.512	014° 31'.031
E	35° 53'.541	014° 31'.155
F	35° 53'.545	014° 31'.359

Public transport will also be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

14th April, 2023

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 53 of 2023

Malta International Fireworks Festival 2023

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, hereby notifies mariners that firework displays will be held in the Grand Harbour on Monday 24th April; Friday, 28th April; and Sunday, 30th April, 2023.

Barges will be moored and loaded with fireworks at Kalkara Quay in Il-Bajja tar-Rinella.

Owners of vessels moored in Il-Bajja tar-Rinella are to remove their vessels and the area to remain clear from Friday, 21st April, 2023, at 11.59 p.m., till Monday, 1st May, 2023, at 11.59 p.m. Transport Malta will accept no liabilities whatsoever for any damage caused to vessels that are left within Il-Bajja tar-Rinella during the mentioned dates and times.

On each day of the display, from 8.00 a.m. till 10.00 a.m., the sinkers, which will be marked with lit buoys, for the pontoons will be set up.

The pontoons and barges will depart from Il-Bajja tar-Rinella at 2.00 p.m. to be set up.

The pontoons will be moored along the line S to T and the barges will be moored at points The pontoons will be moored along the line S to T and the barges will be moored at points U, V and W, as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt), and will be removed immediately after the displays finish.

Mariners are informed that part of the Grand Harbour, between the imaginary lines A-B, C-D, E-F, G-H and the intermediate coastline, as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt), will be closed to all vessels, except for authorised vessels, as stated for each day.

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 53'.590	014° 30'.699
B	35° 53'.458	014° 30'.831
C	35° 53'.417	014° 30'.937
D	35° 53'.512	014° 31'.031
E	35° 53'.541	014° 31'.155
F	35° 53'.545	014° 31'.359

G	35° 53'.963	014° 31'.376
H	35° 54'.143	014° 31'.221
S	35° 53'.794	014° 31'.114
T	35° 53'.642	014° 30'.841
U	35° 53'.681	014° 31'.150
V	35° 53'.660	014° 31'.113
W	35° 53'.662	014° 31'.282

Nhar it-Tnejn, 24 ta' April, 2023:

Il-Port il-Kbir se jkun magħluq għat-traffiku mis-7.00 p.m. sal-1.00 p.m., filwaqt li l-wirja tibda fit-8.30 p.m. u tispiċċa fil-10.45 p.m.;

Nhar il-Ġimgħa 28 ta' April 2023:

Il-Port il-Kbir se jkun magħluq għat-traffiku mit-8.15 p.m. sa 11.15 p.m., filwaqt li l-wirja tibda fid-9.00 p.m. u tispiċċa fil-11.00 p.m.;

Nhar il-Ħadd, 30 ta' April, 2023:

Il-Port il-Kbir se jkun magħluq għat-traffiku mit-7.45 p.m. sal-11.15 p.m., filwaqt li l-wirja tibda fit-8.30 p.m. u tispiċċa fil-11.00 p.m.

Barriera Wharf, Lascaris Wharf u l-Fish Market għandhom jinżammu liberi fil-jiem tal-wiri minn 00.01 a.m. sal-11.59 p.m., ħlief għal bastimenti awtorizzati.

Matul l-avveniment il-movimenti tat-tbaħħir fil-Port il-Kbir se jkunu ristretti. L-ebda bastiment ma jkun permess fiż-żona ristretta, ħlief b'arranġament permezz tal-Kumitat Organizzattiv/Valletta VTS. Il-bastimenti awtorizzati għandhom ikunu rmiġġati b'mod sigur sa mhux aktar tard mit-8.30 p.m. fiż-żoni magħżula, kif muri bil-blu fuq tabella 1 fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Il-bastimenti u l-għawwiema kollha huma mwissija biex iżommu 'l bogħod sew u jżommu distanza sigura ta' mhux inqas minn 200 metru mill-braken u 50 metru mill-pontuni waqt li jkunu qed jiġu rmunkati.

Il-bastimenti awtorizzati għandhom jagħtu lill-pontuni u l-barken spazju wiesa' ta' mill-inqas 200m. L-ebda moviment ma jkun permess waqt il-logħob tan-nar.

Parti mill-attività se tkun logħob tan-nar minn Manoel Island. Il-wirja se tittella' mill-punti M u N, kif muri f'tabella 2 fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt), kif ġej:

Pozizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
M	35° 54'.238	014° 30'.266
N	35° 54'.106	014° 30'.338

G	35° 53'.963	014° 31'.376
H	35° 54'.143	014° 31'.221
S	35° 53'.794	014° 31'.114
T	35° 53'.642	014° 30'.841
U	35° 53'.681	014° 31'.150
V	35° 53'.660	014° 31'.113
W	35° 53'.662	014° 31'.282

On Monday, 24th April, 2023:

The Grand Harbour will be closed to traffic from 7.00 p.m. till 11.00 p.m., while the display will start at 8.30 p.m. and finishes at 10.45 p.m.;

On Friday, 28th April, 2023:

The Grand Harbour will be closed to traffic from 8.15 p.m. till 11.15 p.m. while the display will start at 9.00 p.m. and finishes at 11.00 p.m.;

On Sunday, 30th April, 2023:

The Grand Harbour will be closed to traffic from 7.45 p.m. till 11.15 p.m., while the display will start at 8.30 p.m. and finishes at 11.00 p.m.

Barriera Wharf, Lascaris Wharf and Fish Market are to be kept clear on the days of the displays from 00.01 a.m. till 11.59 p.m., except for authorised vessels.

During the event shipping movements in the Grand Harbour will be restricted. No vessel will be allowed within the restricted area, except by arrangement through the Organising Committee/Valletta VTS. Authorised vessels must be securely moored by not later than 8.30 p.m. in the designated areas, as shown in blue on chart 1 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

All vessels and bathers are warned to keep well clear and maintain a safe distance of not less than 200 metres from the barges and 50 metres from the pontoons while they are being towed.

Authorised vessels are to give the display pontoons and barges a wide berth of at least 200m. No movements whatsoever will be allowed during the actual displays.

Another part of the activity will be fireworks displays from Manoel Island. The displays will be let off from points M and N, as shown on chart 2 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt), as follows:

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
M	35° 54'.238	014° 30'.266
N	35° 54'.106	014° 30'.338

Mill-punt M:

Nhar il-Ħadd, 23 ta' April, mid-9.00 a.m. sad-9.15 a.m., u mis-7.00 p.m. sad-9.00 p.m.; u

Mit-Tnejn, 24 ta' April, 2023 sal-Ġimgħa, 28 ta' April, 2023, mid-9.00 a.m. sad-9.15 a.m., kuljum.

Mill-punt N:

Nhar il-Ħadd, 23 ta' April, 2023, mit-8.00 p.m. sal-10.00 p.m.

Kaptana u sidien ta' bastimenti li huma rmiġġati sa 200m mill-punt M, fiż-żona murija bil-maġenta fuq tabella 2 fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) u sa 200m mill-punt N, fiż-żona murija bil-blu fuq tabella 2 fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt), għandhom ineħħu l-bastimenti tagħhom matul id-dati u l-ħinijiet imsemmija hawn fuq.

Id-Direttorat tal-Portijiet u tal-Yachting, Transport Malta, mhu se jaċċetta l-ebda rResponsabbiltà għal bastimenti li jitħallew irmiġġati fiż-żoni msemmija hawn fuq, fid-dati u l-ħinijiet imsemmija hawn fuq.

Il-baħħara għandhom josservaw kull struzzjoni u direzzjoni maħruġa fuq VHF Channel 12/16 mill-Valletta VTS u l-uffiċjali tal-infurzar li jkunu fiż-żona.

Chart affettwata: BA 177

L-14 ta' April, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 54 of 2023

'Coastal rowing beach sprint' fir-Ramla tal-Mixquqa

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża li l-University of Malta Rowing Club se jorganizza 'coastal rowing club beach sprint' fir-Ramla tal-Mixquqa.

L-attività se ssir nhar it-Tnejn, 24 ta' April, 2023, mill-10.00 a.m. sal-4.00 p.m., u nhar it-Tlieta, 25 ta' April, 2023, minn nofsinhar sal-4.30 p.m., fiż-żona A, B, C u D, kif muri fuq tabella A fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
A	35° 56'.063	014° 20'.623
B	35° 55'.971	014° 20'.366
C	35° 55'.937	014° 20'.385
D	35° 56'.033	014° 20'.649

From point M:

On Sunday, 23rd April, from 9.00 a.m. till 9.15 a.m., and from 7.00 p.m. till 9.00 p.m.; and

From Monday, 24th April, 2023 to Friday, 28th April, 2023, from 9.00 a.m. till 9.15 a.m., daily.

From point N:

On Sunday, 23rd April, 2023, from 8.00 p.m. till 10.00 p.m.

Masters and owners of vessels that are berthed or moored within 200m from point M, within the area shown in magenta on chart 2 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt) and within 200m from point N, within the area shown in blue on the chart 2 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt), are to remove their vessels during the above-mentioned dates and times.

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta will accept no liabilities whatsoever for any vessels that are left berthed or moored in the areas mentioned above, on the above-mentioned dates and times.

Mariners are to comply with any instructions and directions issued on VHF channel 12 / 16 by Valletta VTS and maritime enforcement officers that will be in the area.

Chart affected: BA 177

14th April, 2023

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 54 of 2023

Coastal rowing beach sprint at Ir-Ramla tal-Mixquqa

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, hereby notifies that the University of Malta Rowing Club will be organising a coastal rowing club beach sprint at Ir-Ramla tal-Mixquqa.

The activity will be held on Monday, 24th April, 2023, from 10.00 a.m. till 4.00 p.m., and on Tuesday, 25th April, 2023, from noon till 4.30 p.m., within the area A, B, C and D, as shown on chart A found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
A	35° 56'.063	014° 20'.623
B	35° 55'.971	014° 20'.366
C	35° 55'.937	014° 20'.385
D	35° 56'.033	014° 20'.649

Waqt l-attività, il-parteċipanti se jkollhom jaqdfu madwar sensiela ta' 'marker buoys' li jitqiegħdu apposta fiż-żona msemmija hawn fuq.

Jekk minħabba maltemp l-attività ma tkunx tistax issir fil-lokalità hawn fuq imsemmija, din issir fil-Bajja tal-Mellieħa, fl-istess dati u ħinijiet, fiż-żona W, X, Y u Z, kif muri fuq tabella B fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
W	35° 58'.262	014° 20'.998
X	35° 58'.299	014° 21'.284
Y	35° 58'.263	014° 21'.291
Z	35° 58'.227	014° 21'.013

Il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti u jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa (mingħajr rima) meta jkunu fil-viċinanza taż-żona tal-attività, fid-dati u l-ħinijiet stipulati. Huma għandhom jagħtu spazju wiesa' liż-żona indikata u jikkoperaw mal-organizzatur.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kull ufficjal tal-infurzar fuq il-post.

Charts affettwati: BA 211 u 2537

L-14 ta' April, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 55 tal-2023

Wirja tal-Logħob tan-Nar (Chinese Cakes) mill-Foreshore ta' Qui-Si-Sana, Tas-Sliema

Id-Direttorat tal-Portijiet u tal-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se ssir wirja ta' logħob tan-nar (Chinese Cakes) mill-foreshore ta' Qui-Si-Sana, Tas-Sliema, nhar is-Sibt, 15 ta' April, 2023, li jibda fl-10.30 p.m. għal madwar 10 minuti. Il-wirja se tkun iċċentrata fil-Punt A (kif muri fuq iċ-chart fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) fil-pożizzjoni approssimattiva li ġejja:

Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
35° 54'.590	14° 30'.663

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-baħħara huma avżati biex iżommu 60 metru 'l bogħod mill-punt A fid-data u l-ħin imsemmija hawn fuq.

Kull dgħajsa rmiġġata jew ankrat fiż-żona għandha titneħħa matul id-data u l-ħin imsemmija hawn fuq.

During the activity, the participants will have to row around a series of marker buoys which will be purposely laid within the above-mentioned area.

If due to inclement weather conditions the activity cannot be held in the above-mentioned locality, it will be held at Il-Bajja tal-Mellieħa, on the same dates and times, within the area W, X, Y and Z, as shown on chart B found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
W	35° 58'.262	014° 20'.998
X	35° 58'.299	014° 21'.284
Y	35° 58'.263	014° 21'.291
Z	35° 58'.227	014° 21'.013

Mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate with extreme caution, at slow speed (no wake) when in the vicinity of the area of activity, on the stipulated dates and times. They are to give the indicated area a wide berth and cooperate with the organiser.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement personnel on site.

Charts affected: BA 211 and 2537

14th April, 2023

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 55 of 2023

Fireworks Display (Chinese Cakes) from the foreshore off Qui-Si-Sana, Tas-Sliema

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, hereby notifies mariners that a Chinese Cakes fireworks display will be let off from the foreshore off the Qui-Si-Sana, Tas-Sliema, on Saturday, 15th April, 2023, commencing at 10.30 p.m. and lasting about 10 minutes. The display will be centred at Point A (as shown on the chart on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)) in the approximate following position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 54'.590	14° 30'.663

In view of the above, mariners are advised to keep 60m away from point A, on the above-mentioned date and time.

Any boats berthed within the area shown on attached chart are to be removed during the above-mentioned date and time.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjoni mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kwalunkwe persunal tal-infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 177

L-14 ta' April, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 56 of 2023

Marine Scientific Research (Bathymetry Survey) f'Ras Ħanżir/Corradino fil-Port il-Kbir

B'referenza għal Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 4 tal-2023

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti li l-Marine Scientific Research (Bathymetric survey) f'Ras Ħanżir/Kordin fil-Port il-Kbir mhux se jitlesta fiż-żmien, kif ippjanat. Għalhekk id-data tat-tlestija qed tiġi estiża sal-Ħadd, 30 ta' April, 2023.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 4 tal-2023 għandu jiġi emendat skont dan.

L-informazzjoni l-oħra kollha msemmija f'Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 4 tal-2023 se tibqa' valida.

Chart affettwata: BA 177

L-14 ta' April, 2023

L-AĠENZIJA GĦALL-VITTMI TAL-KRIMINALITA
(VSA)

L-Aġenzija għall-Vittmi tal-Kriminalità (VSA) teħtieġ professjonisti motivati għall-post li ġej:

Case Officer I (Sapport Emozzjonali)
Permess ta' Jobsplus Nru. 268/2023

Deskrizzjoni tax-xogħol, flimkien mar-rekwiżiti ta' eliġibbiltà u kwalifiki jistgħu jitniżżlu minn (https://victimsupportagency.com/vacancies/).

L-applikanti interessati għandhom jibagħtu ittra ta' applikazzjoni flimkien ma' ċertifikat riċenti tal-kondotta tal-Pulizija, Europass CV dettaljat u kopji tal-kwalifiki akkademiċi lill-Kap Eżekuttiv tal-VSA fuq (vsa-hr@gov.mt) sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 28 ta' April, 2023.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jkunux ikkunsidrati.

L-14 ta' April, 2023

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement personnel on site.

Chart affected: BA 177

14th April, 2023

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 56 of 2023

Marine Scientific Research (Bathymetry Survey) at Ras Ħanżir/Corradino in the Grand Harbour

Reference is made to Local Notice to Mariners No. 4 of 2023

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that the Marine Scientific Research (Bathymetric survey) will be carried out at Ras Ħanżir/Corradino in the Grand Harbour will not be completed within the time, as planned. The completion date is therefore being extended to Sunday, 30th April, 2023.

Local Notice to Mariners No. 4 of 2023 is to be amended accordingly.

All the other information mentioned in Local Notice to Mariners No. 4 of 2023 will remain valid.

Chart affected: BA 177

14th April, 2023

VICTIM SUPPORT AGENCY
(VSA)

The Victim Support Agency (VSA) is looking for highly motivated result-oriented professionals for the following post:

Case Officer I (Emotional Support)
Jobsplus Permit No. 268/2023

Job Description, together with the eligibility and qualification requirements can be downloaded through (https://victimsupportagency.com/vacancies/).

Interested applicants should send a letter of application together with a recent Police Certificate of Conduct, detailed Europass CV and copies of academic qualifications to the VSA CEO to (vsa-hr@gov.mt) by not later than Friday, 28th April, 2023.

Late applications will not be considered.

14th April, 2023

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Post ta' Assistant Manager (Events u Marketing) fid-Dipartiment tal-Informazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur (Finanzi u Amministrazzjoni), Uffiċċju tal-Prim Ministru, tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Assistant Manager (Events u Marketing) fid-Dipartiment tal-Informazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Termini u Kkundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sitt (6) xhur.

2.2 Waqt il-perjodu ta' prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Is-salarju ta' Assistant Manager (Events u Marketing), li jidħol fil-grad bir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà ta' paragrafu 4.1 (iii) (a) jew (iii) (c) huwa ta' Skala ta' Salarju 12, li fis-sena 2023 huwa ta' €20,270.04 fis-sena, li jiżdied bi €354.00 fis-sena sa massimu ta' €22,394.04.

2.4 Persuna fil-grad ta' Assistant Manager fi Skala ta' Salarju 12 titla' għal Skala 11, li fis-sena 2023 hija ekwivalenti għal €21,630.00 fis-sena, li tiżdied b'żidiet annwali ta' €375.17 sa massimu ta' €23,881.02, mal-kisba ta' Diploma fil-Livell 5 tal-MQF kif imsemmija fil-paragrafu 4.1 (iii)(b), f'perjodu ta' mhux iktar minn sentejn (2) mid-data tal-ħatra, fejn fil-każ li dan ma jseħħx, il-ħatra tiġi mneħħija.

2.5 Persuna fil-grad ta' Assistant Manager li tissodisfa l-klawsola 4.1 (iii) (b) titpoġġa fi Skala ta' Salarju 11, u titla' fi Skala 10 (€23,029.57 x €407.67 - €25,475.59) fis-sena 2023 wara tliet (3) snin servizz bħala Assistant Manager fi Skala ta' Salarju 11, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.6 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC/ADAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

2.7 Applikazzjonijiet laterali minn uffiċjali pubbliċi li diġà għandhom ħatra fl-istess grad li qiegħda tkun reklamata

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

4.3 Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 (iii) jew kif indikat f'paragrafu 4.2, xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Ottubru, 2023. Jekk l-iskadenza ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(a) Il-perjodu ta' prova u l-intitolament għall-progressjoni (skont il-każ) jibdew jgħoddu mid-data tal-ħatra.

(b) Il-persuni maħtura ma jibbenefikaw minn ebda benefiċċji, sakemm jiksbu l-kwalifika jew ikunu approvati għall-kisba tal-kwalifika indikata, kif imsemmi f'paragrafu 4.1(iii) jew 4.2.

4.4 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn

the University of Malta (awarded pre-2009) with less than 60 ECTS/ECVET credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC that the workload is comparable to at least 60 ECTS/ECVE credits.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the abovementioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Furthermore, candidates who have not yet formally obtained the qualification specified in paragraphs 4.1(iii) or else as indicated in paragraph 4.2 will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st October, 2023. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(a) The probation period and progression entitlement (as the case may be) start to count from date of appointment.

(b) Such appointees will not benefit from any allowances until attainment of, or are approved for the indicated qualification referred to in clause 4.1(iii) and 4.2.

4.4 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry/department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application

xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.5 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.6 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubbikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-bord tal-għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

4.7 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw il-proviżżjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tas-Sezzjoni tal-People Management, Direttorat Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju tal-Prim Ministru,

and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

4.5 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.4 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.6 Applicants are obliged to immediately inform the selection board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the selection board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

4.7 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.5, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Section, Finance and Administration Directorate, Office of the Prime Minister, through the Online

permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' April, 2023. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mis-Sezzjoni tal-People Management, Direttorat Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Il-Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u indirizz elettroniku tad-Direttorat huma (http://www.opm.gov.mt) u (human-resources.opm@gov.mt).

L-14 ta' April, 2023

Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 28th April, 2023. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) would not be accepted.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division ((https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf)) or may be obtained from the People Management Section, Finance and Administration Directorate, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Directorate are (http://www.opm.gov.mt) and (human-resources.opm@gov.mt).

14th April, 2023

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Pożizzjoni ta' Basic Specialist Trainee (Varji) fil-Ministeru għas-Saħħa

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Din is-sejħa qed tieħu post is-sejħa ta' Basic Specialist Trainee ppubbikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,031 datata 30 ta' Marzu, 2023. Applikanti li diġà applikaw fit-termini tal-imsemmija sejħa m'għandhomx għalfejn jerġgħu japplikaw.

1.1 Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa, tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Basic Specialist Trainee (Varji) fil-Ministeru għas-Saħħa.

1.2 Vakanzi jeżistu fl-ispeċjalitajiet li ġejjin:

Anestetika u Kura Intensiva;
Mediċina tal-Emerġenza;
Mediċina Ġenerali/Interna;
Kirurġija Ġenerali;
Imatoloġija;
Istopatoloġija;
Mikrobijoloġija Medika inkluż Batterjoloġija, Viroloġija, Mikoloġija, Parasitoloġija u Kontroll ta' Infezzjoni;
Ostetriċja u Ġinekoloġija;
Oftalmoloġija;
Pedjatrija;
Psikjatrija;
Mediċina għas-Saħħa Pubblika.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' erba' (4) snin bħala Basic Specialist Trainee fil-Ministeru għas-Saħħa, wara liema nuqqas li tinkiseb it-tlestija taċ-ċertifikazzjoni ta' Basic Specialist Training f'perjodu ta' erba' (4) snin full-time, jew tul ta' żmien ekwivalenti, jirriżulta f'assimilazzjoni laterali fil-post sostantiv tal-Junior Staff Grade (Skala ta' Salarju 8) jew Staff Grade (Skala ta' Salarju 7) kif applikabbli, suġġett għal kundizzjonijiet oħra kif stabbiliti fil-ftehim settorali.

2.2 Kull fejn Basic Specialist Trainee ma jtemmx it-taħriġ tiegħu/tagħha fi ħdan il-limitu massimu ta' erba' (4) snin ta' impjieg mal-Gvern, jew tul ta' żmien ekwivalenti, min iħaddem iżomm id-dritt li jpoġġi fejn hemm bżonn lit-tabib ikkonċernat fi Staff Grade xieraq skont l-esiġenzi tas-servizz. Tali tobba għandhom jibqgħu fl-istess skala ta' salarju li kienu laħqu u għandhom jissejħu bħala Junior Staff Grade (Skala ta' Salarju 8) jew Staff Grade (Skala ta' Salarju 7) hekk kif applikabbli, skont il-ftehim settorali fis-seħħ iffirmat bejn il-Gvern ta' Malta u l-Assoċjazzjoni Medika ta' Malta.

MINISTRY FOR HEALTH

Position of Basic Specialist Trainee (Various) in the Ministry for Health

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

This call supersedes the call for Basic Specialist Trainee published in the Government Gazette No. 21,031 on 30th March, 2023. Applicants who submitted an application in terms of the abovementioned call need not re-apply.

1.1 The Director General (People Management), Ministry for Health, invites applications for the position of Basic Specialist Trainee (Various) in the Ministry for Health.

1.2 Vacancies exist in the following specialties:

Anaesthetics and Intensive Care;
Emergency Medicine;
General/Internal Medicine;
General Surgery;
Haematology;
Histopathology;
Medical Microbiology including Bacteriology, Virology, Mycology, Parasitology and Infection Control;
Obstetrics and Gynaecology;
Ophthalmology;
Paediatrics;
Psychiatry;
Public Health Medicine.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a four (4) year assignment as a Basic Specialist Trainee in the Ministry for Health, following which failure to achieve completion of Basic Specialist Training certification within four (4) year full time, or equivalent duration period, will result in lateral assimilation into the substantive post of Junior Staff Grade (Salary Scale 8) or Staff Grade (Salary Scale 7) as applicable subject to other conditions as established in the sectoral agreement.

2.2 Wherever a Basic Specialist Trainee does not complete his/her training within the four (4) year maximum limit of employment with government, or equivalent duration, the Employer retains the right to re-deploy the doctor concerned in the appropriate staff grade according to exigencies of the service. Such doctors shall remain in the same salary scale they would have attained and shall be referred to as Junior Staff Grade (Salary Scale 8) or Staff Grade (Salary Scale 7) as applicable, in accordance with the sectoral agreement in force signed between the Government of Malta and the Medical Association of Malta.

2.3 Il-pożizzjoni ta' Basic Specialist Trainee hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.4 Qed jiġi nnutat li bis-saħħa tar-Regolament 3 (2) (c), il-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat 'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss' mhix applikabbli fil-każ tal-proċess tal-għażla.

2.5 Persuna maħtura titħalla teżerċita l-professjoni privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali jew l-esiġenzi tas-servizz.

2.6 Uffiċjal li jkollu pożizzjoni ta' natura definita (jiġifieri b'raġuni oġġettiva), li jinsab fl-aħħar erba' (4) xhur tat-terminu definit tiegħu, jista' japplika lateralment, anke jekk il-pożizzjoni reklamata għandha l-istess speċjalizzazzjoni li huwa għandu bħalissa.

2.7 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'din il-pożizzjoni tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għall-pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3.1 Is-salarju għall-pożizzjoni ta' Basic Specialist Trainee huwa ekwivalenti għall-ħames taraġa ta' Skala ta' Salarju 8, (li fis-sena 2023 huwa ta' €27,995.57 fis-sena, li jitla' b'żidiet fis-sena ta' €486.83 sa massimu ta' €28,969.23) flimkien ma' Allowance ta' Speċjalizzazzjoni ta' €4,660 fis-sena, li titħallas fi tlettax-il pagament ugwali fis-sena.

3.2 Persuna magħżula li tissodisfa l-kriterji stabbiliti għall-ispeċjalità rilevanti, kif speċifikat fil-kurrikulu ta' taħriġ rispettiv u l-esiġenzi tal-ispeċjalità kif approvat mill-Kumitat ta' Taħriġ skont il-linji gwida stabbiliti mill-Kumitat għall-Approvazzjoni dwar Speċjalisti ta' Malta, waqt it-terminu tal-kuntratt, tiġi maħtura Basic Specialist Trainee 2, suġġett għal prestazzjoni sodisfaċenti, u titpoġġa f'mhux inqas mill-ħames taraġa ta' Skala ta' Salarju 7 (li fis-sena 2023 hija €29.822.21 fis-sena, li jitla' b'żidiet ta' €531.17 fis-sena sa massimu ta' €30,884.55) flimkien ma' Allowance ta' Speċjalizzazzjoni ta' €5,690 fis-sena, li titħallas fi tlettax-il pagament ugwali fis-sena.

Dmirijiet

4.1 Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Basic Specialist Trainee jinkludu li:

2.3 The position of Basic Specialist Trainee is subject to a probationary period of one (1) year.

2.4 It is hereby being noted that the Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts for Service for a Fixed Term Regulations' is not applicable in the case of this selection process by virtue of Regulation 3 (2) (c) thereof.

2.5 Appointees will be allowed to undertake private practice provided that:

a) it is carried out strictly outside official working hours; and

b) it does not interfere or conflict with the official duties or the exigencies of the service

2.6 An officer holding a position of a definite nature (i.e. with objective reason), who is in the last (4) months of his/her definite term, may apply laterally, even if the advertised position carries the same specialisation that s/he currently holds.

2.7 Accepting appointment in this position signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC positions or applications for a definite position when the officer concerned holds an indefinite appointment.

Salary Pegged to the Position

3.1 The Salary attached to the position of Basic Specialist Trainee is equivalent to the fifth step of Salary Scale 8 (which in the year 2023 is €27,995.57 per annum, rising by annual increments of €486.83 up to a maximum of €28,969.23) together with a Specialisation Allowance of €4,660 per annum, which shall be paid in thirteen equal instalments per annum.

3.2 An appointee who satisfies the criteria established for the relevant specialty, as specified in the respective training curriculum and exigencies of the specialty as approved by the Training Committee along the guidelines set by the Specialist Accreditation Committee of Malta during the contract period will, subject to satisfactory performance, be appointed Basic Specialist Trainee 2 and shall be placed in not less than the fifth step of Salary Scale 7, (which in the year 2023 is €29,822.21 per annum, rising by annual increments of €531.17 up to a maximum of €30,884.55) together with a Specialisation Allowance of €5,690 per annum, which shall be paid in thirteen equal instalments per annum.

Duties

4.1 The job duties for the position of Basic Specialist Trainee include:

i. Jaħdem fid-Dipartiment rispettiv fil-Ministeru għas-Saħħa;

ii. Jaħdem kull ħin taħt is-superviżjoni tas-superjuri tiegħu u jkun responsabbli direttament lejn il-Clinical Chairperson tad-Dipartiment rispettiv;

iii. Jipparteċipa fl-attivitajiet akkademiċi organizzati fi ħdan id-Dipartiment rispettiv;

iv. Itemm b'suċċess ir-rekwiżiti speċifikati fil-kurrikulu rispettiv u l-esiġenzi ta' taħriġ ta' kull speċjalità kif approvati mill-Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta taħt id-direzzjoni tal-Post-graduate Training Co-ordinator rispettiv;

v. Jista' jkun meħtieġ jipprovdi servizz residenti on-call skont roster stabbilita li tista' tinkludi dmirijiet ta' billejl għalkemm din ir-roster tkun tieħu inkonsiderazzjoni l-ħtiġiet tat-taħriġ kif jistgħu jkunu applikabbli minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz;

vi. Jagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa;

vii. Iwettaq kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista'jkun meħtieġ;

viii. Iwettaq dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

4.2 Il-persuna maħtura tista' tkun meħtieġa taqdi dmirijiet fi kwalunkwe servizzi tal-kura tas-Saħħa tal-Gvern ta' Malta skont id-diskrezzjoni tal-amministrazzjoni.

4.3 Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa tipprovdi servizz residenti on-call skont roster stabbilita li tista' tinkludi dmirijiet ta' billejl. Din ir-roster tieħu inkonsiderazzjoni l-ħtiġiet tat-taħriġ kif jistgħu jkunu applikabbli minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b' remunerazzjoni addizzjonali skont ir-rati approvati. Erba' sigħat ta' ħin protett bil-ħlas ikun allokat għall-fini ta' taħriġ ta' wara l-gradwazzjoni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin

i. Works in the respective department within the Ministry for Health;

ii. Will work at all times under the supervision of his/her seniors and will be directly accountable to the Clinical Chairperson of the respective department;

iii. Participates in academic activities organized within the respective Department;

iv. Completes successfully the requirements specified in the respective training curriculum and exigencies of each Specialty as approved by the Specialist Accreditation Committee of Malta under the direction of the respective Post-graduate Training Co-ordinator;

v. May be required to provide resident on-call service in accordance with an established roster which may include night duty although this roster will take into consideration training requirements as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service;

vi. Makes use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health;

vii. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

viii. Carries out any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

4.2 An appointee may be required to perform duties in any of the health care services of the Government of Malta at the discretion of the management.

4.3 The appointee may be required to provide resident on-call service in accordance with an established roster which may include night duty. This roster will take into consideration training requirements as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) hours per week and for work performed on Sundays and public holidays. Four (4) hours per week paid protected time will be allocated for postgraduate training purposes.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens

fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

Applikazzjonijiet jiġu wkoll ikkunsidrati biss minn kandidati li huma ċittadini ta' pajjiż terz tal-Ukrajna u li preżentament qed isegwu l-Foundation Programme fl-Isptar Mater Dei f'Malta u li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti msemmija f'paragrafu 5.1 (i) dment li jissodisfaw r-rekwiżiti msemmija f'paragafi 5.1 (ii) sa 5.1 (iii). Il-ħatra ta' tali kandidati teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn huwa meħtieġ skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

Applications will also be considered only from candidates who are Ukrainian third country nationals currently following Foundation Programme at Mater Dei Hospital in Malta and do not satisfy the criteria set out in paragraph 5.1 (i), provided that they satisfy the requirements stated in paragraph 5.1 (ii) to 5.1 (iii). The appointment of such candidates would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

iii. (a) irreġistrati bis-sħiħ mal-Kunsill Mediku ta' Malta u fil-pussess tal-warrant biex jipprtattikaw;

(b) fil-pussess tal-Foundation Programme Certificate of Completion (FPCC) maħruġ mill-Malta Foundation School jew kwalifika li hi meqjusa mill-Kunsill Mediku ta' Malta bħala xierqa, rilevanti u komparabbli.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

Aktar minn hekk, dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu formalment r-rekwiżiti speċifikati f'paragrafu 5.1 (iii) (a) u (b), xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li jikkwalifikaw għal ħtiġijiet sal-31 ta' Diċembru, 2023. Jekk jintgħażlu, tali kandidati jridu jipreżentaw ir-rekwiżiti indikati f'paragrafu 5.1 (iii) (a) u (b) qabel il-ħatra.

5.2 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet, mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

5.3 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 sa 5.2 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.4 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubbikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubbikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-

ii. able to communicate in the Maltese and English languages;

iii. (a) fully registered with the Medical Council of Malta and in possession of a warrant to practise; AND

(b) in possession of the Foundation Programme Certificate of Completion (FPCC) issued by the Malta Foundation School or a qualification which is deemed by the Medical Council of Malta to be appropriate, relevant and comparable;

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained the requisites specified in paragraph 5.1 (iii) (a) and (b) will still be considered provided that they submit evidence that they would qualify for such requirements by the 31st December, 2023. If selected, such candidates must produce the requisites indicated in paragraph 5.1 (iii) (a) and (b) before appointment.

5.2 Applicants must be of conduct which is appropriate to the position applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP47 is to be requested by HR Unit of the ministry/department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

5.3 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.2 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

5.4 Applicants are obliged to immediately inform the selection board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview the selection board will request the candidate to declare any

intervista, il-bord tal-għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal fuq (https://recruitment.gov.mt).

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafu 5.1 sa 5.2, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

7.3 Ir-riżultat jiġi ppubblikat mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti u esibit fuq in-noticeboard tal-Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta,VLT 1171, u jkun validu sal-31 ta' Diċembru, 2023.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttorat tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta skont kif applikabbli, li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel iddata tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq talapplikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' April, 2023. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

Submission of Supporting Documents

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal on (https://recruitment.gov.mt).

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

7.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.3, have proven relevant work experience.

7.3 The result will be published by the Office of the Permanent Secretary and exhibited on the notice board of the Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, and will be valid till the 31st December, 2023.

Submission of Applications

8.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Division, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, through the Online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 28th April, 2023. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

8.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4 L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tannotifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

8.5 L-applikanti għandhom jindikaw b'mod ċar għal liema speċjalitajiet indikati f'paragrafu 1.2 qed japplikaw, u jniżżluhom fl-ordni ta' preferenza fil-Formola ta' Dikjarazzjoni li tista' tiġi aċċessata mill-Online Government Recruitment Portal (http://recruitment.gov.mt). Aktar minn hekk, fil-każ ta' applikanti li jixtiequ japplikaw għal iktar minn speċjalità waħda, formola separata tal-applikazzjoni, flimkien mad-dokumentazzjoni rilevanti, għandha tiġi sottomessa għal kull speċjalità li qed japplikaw għaliha.

8.6 Qed jiġi nnutat li fil-każ li l-Formola ta' Dikjarazzjoni ma tiġix riċevuta kompluta sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, il-Ministeru jirriżerva d-dritt li jassenja persuna magħżula fi speċjalità skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa, 15 Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku, in-numru tal-fax u l-indirizz elettroniku tad-Diviżjoni huma (https://deputyprimeminister.gov.mt), +356 22992609, u (recruitment.health@gov.mt).

8.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

8.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

8.5 Applicants must indicate clearly which of the specialties indicated in paragraph 1.2 they are applying for, and list them in order of preference in the Declaration Form which may be accessed on the Online Government Recruitment Portal (http://recruitment.gov.mt). Furthermore, in the case of applicants who wish to apply for more than one specialty, a separate application form, together with supporting documentation, must be submitted for each specialty applied for.

8.6 It is noted that in the event that a complete Declaration Form is not received by the closing time and date of this call for applications, the Ministry reserves the right to assign a successful applicant to a specialty in accordance with the exigencies of the Public Service.

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from the People Management Division, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address, fax number and email address of the receiving Division are (https://deputyprimeminister.gov.mt), +356 22992604, and (recruitment.health@gov.mt).

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Post ta' Senior Systems Analyst fl-Information Management Unit fil-Ministeru għas-Saħħa

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa, tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Senior Systems Analyst fl-Information Management Unit fil-Ministeru għas-Saħħa.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2 Is-salarju ta' Senior Systems Analyst huwa ta' Skala ta' Salarju 7, li fis-sena 2023 huwa ta' €27,697.53 fis-sena, li jiżdied b'€531.17 fis-sena sa massimu ta' €30,884.55.

2.3 Persuna fil-grad ta' Senior Systems Analyst titla' fi Skala 6 (€29,446.19x €596.33 - €33,024.17) wara tlett (3) snin servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti u suġġett għat-tkomplija ta' Toolkit Course specifiku għal ICT relatat ma' dawn il-gradi kif stabbilit minn żmien għal żmien mill-Amministrazzjoni Ċentrali (jiġifieri mingħajr il-ħtieġa li jitlesta l-Public Service Toolkit).

2.4 Persuna magħżula tkun intitolata wkoll għall-bonus marbut mal-prestazzjoni sa massimu ta' 15% tas-salarju bażiku tagħha. L-ammont pagabbli jiġi dderminat miċ-Chief Information Officer wara li tiġi kkunsidrata l-prestazzjoni tal-uffiċjal u, fejn japplika, kwalunke rakkomandazzjoni li titressaq mis-superjur immedjat tal-uffiċjal. Il-ħlas tal-bonus huwa suġġett ukoll għall-policies tal-Amministrazzjoni Ċentrali skont kif ikunu fis-seħħ min żmien għal żmien.

a. Il-persuna maħtura tkun intitolata għal dawk il-benefiċċji l-oħra u suġġetta għal dawk il-kundizzjonijiet u l-obbligi l-oħra li jistgħu jkunu stipulati fi kwalunkwe ftehim pertinenti bejn il-Gvern u l-union kompetenti.

2.5. Applikazzjonijiet laterali fl-istess grad minn uffiċjali pubbliċi mhumiex aċċettabbli.

2.6 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC/ADAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

MINISTRY FOR HEALTH

Post of Senior Systems Analyst in the Information Management Unit within the Ministry for Health

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (People Management), Ministry for Health, invites applications for the post of Senior Systems Analyst in the Information Management Unit within the Ministry for Health.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2 The salary for the post of Senior Systems Analyst is Salary Scale 7, which in the year 2023 is equivalent to, €27,697.53 per annum, rising by annual increments of €531.17 up to a maximum of €30,884.55.

2.3 A Senior Systems Analyst will progress to Scale 6, which in the year 2023 is €29,446.19 x €596.33 - €33,024.17 on completion of three (3) years satisfactory service and subject to the completion of a specific ICT Toolkit Course related to this grade as established from time to time by the Central Administration (that is, without the need for completion of the Public Service Toolkit).

